32006D0181

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Frar 2006

li tawtorizza lir-Renju ta' l-Olanda japplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 11 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mat-taxxi fuq il-fatturat

(Il-verżjoni bl-Olandiż biss hija awtentika)

(2006/181/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra s-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mat-taxxi fuq il-fatturat – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

[1] ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/92/KE (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 19).

Billi:

(1) B'ittra reġistrata għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fl-4 ta' Ottubru 2004, ir-Renju ta' l-Olanda talab l-awtorizzazzjoni biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 11(A)(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE.

(2) Skond l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra b'ittra datata l-1 ta' Diċembru 2004 bit-talba magħmula mir-Renju ta' l-Olanda. B'ittra datata t-2 ta' Diċembru 2004, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju ta' l-Olanda li kellha l-informazzjoni kollha li kkunsidrat meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

(3) L-għan tad-deroga huwa li tevita l-evażjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) permezz tas-sottovalutazzjoni ta' provvisti bejn persuni marbuta, fejn id-destinatarju mhuwiex intitolat għal tnaqqis sħiħ jew kważi sħiħ tal-VAT. Hija ddisinjata biex twarrab l-abbużi fil-provvista ta' oġġetti kapitali jew fil-provvista ta' servizzi fir-rigward ta' oġġetti kapitali, bħal lokazzjoni jew kiri jew kwalunkwe arranġament ieħor li bih l-oġġetti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tad-destinatarju. Minħabba r-relazzjoni bejn il-partijiet, il-konsiderazzjoni hija ħafna drabi ffissata fuq valur li mhux tas-suq, li jirriżulta fi dħul tal-VAT sinifikament iżjed baxx.

(4) Il-miżura speċjali għandha tapplika biss f'każijiet fejn l-amministrazzjoni hija kapaċi tikkonkludi li l-ammont taxxabbli, kif determinat skond l-Artikolu 11(A)(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE, ġie influwenzat mir-relazzjoni bejn il-partijiet. Dik il-konklużjoni għandha, f'kull każ, tkun ibbażata fuq fatti ċari, mhux preżunzjonijiet.

(5) Huwa għalhekk xieraq u proporzjonat li r-Renju ta' l-Olanda jitħalla jitratta l-valur tas-suq miftuħ ta' dawk il-provvisti bħala l-ammont taxxabbli.

(6) Id-derogi skond l-Artikolu 27 tad-Direttiva 77/388/KEE li jilqgħu kontra l-evitar jew l-evażjoni tal-VAT marbut ma' l-ammont taxxabbli ta' provvisti bejn partijiet relatati u inklużi fi proposta għal Direttiva li tirrazzjonalizza xi wħud mid-derogi skond dak l-Artikolu. Huwa għalhekk meħtieġ li l-perijodu ta' applikazzjoni ta' din id-deroga jintemm meta dik id-Direttiva tidħol fis-seħħ.

(7) Id-deroga m'għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorzi proprji tal-Komunità li jinġemgħu mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 11(a)(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE, ir-Renju ta' l-Olanda huwa b'dan awtorizzat jieħu l-valur tas-suq miftuħ, kif definit fl-Artikolu 11(A)(1)(d) tad-Direttiva 77/388/KEE, bħala l-ammont taxxabbli għall-provvista ta' oġġetti kapitali jew kwalunkwe provvista ta' servizzi li biha l-oġġett kapitali jitpoġġa għad-dispożizzjoni tad-destinatarju, fejn il-kondizzjonijiet li ġejjin huma milħuqa:

1) id-destinatarju m'għandux id-dritt għal tnaqqis sħiħ jew kważi sħiħ tal-VAT;

2) il-fornitur u d-destinatarju huma direttament jew indirettament persuni marbuta skond il-leġislazzjoni nazzjonali;

3) fatti jagħmluha possibbli biex jiġi konkluż miċ-ċirkostanzi tal-każ li r-relazzjoni bejn dawk il-persuni marbuta influwenzat l-ammont taxxabbli, kif determinat skond l-Artikolu 11(A(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, oġġett kapitali għandu jfisser oġġetti kapitali kif definiti mir-Renju ta' l-Olanda skond l-Artikolu 20(4) tad-Direttiva 77/388/KEE u, sakemm mhumiex koperti b'din id-definizzjoni, servizzi ta' valur sostanzjali li jistgħu jiġu amortizzati.

Artikolu 2

L-awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-Artikolu 1 għandha tiskadi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li tirrazzjonalizza d-derogi skond l-Artikolu 27 tad-Direttiva 77/388/KEE li jilqgħu għall-evitar jew l-evażjoni tal-VAT marbuta ma' l-ammont taxxabbli, jew fil-31 ta' Diċembru 2009, liema minnhom tiġi l-ewwel.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' l-Olanda.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill
Il-President

U. PLASSNIK